# MIN KIEN BAR KOKBA

Kristu, ftit qabel ma miet, wissa lill-Appostli biex joqogħdu għajnejhom miftuħa li ma jinqabdux mill-qerq ta' dawk li jgħidu li huma l-Messija (Matt. 24, 5). Nafu mill-istorja li kien hemm aktar minn wieħed li qal li hu l-Messija u ġibed warajh ħafna nies (Atti 5, 36. 37). Imma l-aktar wieħed magħruf kien Bar Kokba, li kien miżmum bħala Messija saħansitra minn xi għorrief kbar Lhud u li kien maqtul fis-sena 135. Min kien dan Bar kokba?

Dak iż-żmien is-sultan ta' Ruma kien Adrijanu li kien jaħkem ukoll fuq il-Palestina. Il-Lhud, wara l-waqgħa ta' Ġerusalem fis-sena 70, qatt ma qagħdu bi kwiethom. Ħsiebhom kien biss li jeħilsu mir-Rumani u jerġgħu jibnu t-tempju mġarraf u jwaqqfu saltna ħielsa. Iżda qamu ħuġġieġa waħda fi żmien Adrijanu. Dan għamel liġi, jew wettaq liġi magħmula qabel, li t-taqtigħ fil-ġisem tal-bniedem hu delitt li kien ħaqqu l-piena tal-mewt. Din il-liġi kienet tmiss il-Lhud ukoll li sabu ruħhom ma jistgħux iħarsu aktar il-liġi taċ-ċirkonċiżjoni. Liġi oħra ta' Adrijanu kienet li jagħmel lil Ġerusalem belt pagana b'tempju lil Ġove u bini ieħor pagan. Għalkemm dawn il-liġijiet kienu jolqtu fil-laħam il-ħaj il-Lhud u r-reliġjon tagħhom, kemm dam Adrijanu f'dawk l-inħawi, il-Lhud ma tniffsux. Iżda malli tbiegħed minn hemm, il-Lhud qamu tixwixa waħda, li xterdet ukoll barra mill-Palestina kull fejn kien hemm il-Lhud.

Mexxej tat-tixwixa kien wieħed jismu Xmun u jgħidulu Bar kokba. Il-Lhud jagħarfuh bħala Xmun Bar Kożba. Kożba jista' jkun isem missieru jew isem il-belt fejn twieled, u wara tbiddel f'Kokba, li tfisser 'kewkba' għax iż-żewġ kelmiet għandhom ħoss jixxiebah, u 'kewkba' hu wieħed mill-ismijiet tal-Messija (Num. 24,17). Billi t-tixwixa ma rnexxietx, kien hemm min ried ifisser 'kożba' *gidba*, imma l-Lhud li kienu jweġġħuh qatt ma kellhom f'moħħhom li jgħajruh 'giddieb'. Fuq il-ħajja tiegħu ma nafu xejn ħlief ħrejjef li m'humiex minnhom.

Il-gwerra tal-Lhud kontra r-Rumani kienet gwerra ta' ġlied żgħir. Il-Lhud stkennu fuq l-iġbla u ġol-għerien, fejn ir-Rumani ma kienux jistgħu għalihom, u minn hemm kienu jagħmlu ħsara kbira lir-Rumani. Ir-Rumani ma kellhomx hemm forzi kbar, u għalhekk il-Lhud malajr kienu minn fuq. Ġerusalem ma dametx ma waqgħet f'idejhom, u Bar kokba beda jistampa l-flus b'ismu.

Ir-rebħa ta' Bar kokba kellha ħajja qasira. Ir-Rumani bdiet taslilhom l-għajnuna u l-gwerra ħraxet. Adrijanu saħansitra bagħat għall-aqwa ġeneral li kellu mill-Brittanja għall-Palestina. Imma l-Lhud kienu għadma iebsa għar-Rumani. Żammew sħiħ kemm felħu. Imma r-Rumani bdew inaqquhom ftit ftit u dejjem inaqqsulhom is-saħħa. Qatgħulhom it-toroq li kienu jorbtuhom ma' xulxin, u hekk il-Lhud malajr sabu ruħhom neqsin mill-ikel u l-mewt bdiet taħkem fuqhom bl-aħrax. Ġerusalem reġgħet waqgħet f'idejn ir-Rumani, u Bar kokba kellu jistaħba f'Bittir, l-aħħar furtizza li kien baqalu, 7 mili bogħod minn Ġerusalem, fejn kien mirbuħ u maqtul fl-ewwel xhur tas-sena 135.

Din il-gwerra lir-Rumani swietilhom

telf kbir ta' nies, imma għal-Lhud kienet qerda tal-biża'. Skond ma jgħarrfuna xi kittieba l-Lhud mejtin kienu 580,000, u aktar kienu dawk li mietu bil-ġuħ u bit-tbatijiet tal-gwerra, l-ilsiera mibjugħa kienu bla għadd.

Wara dil-gwerra l-ħsieb ta' Adrijanu seħħ. Gerusalem reġgħet inbniet kif ried hu, belt pagana. Flok it-tempju ta' Alla veru nbena tempju ta' Ġove, u fejn kien mislub Kristu nbena tempju lil alla Afrodite. Il-Lhud kienu mkeċċijin minn Ġerusalem, il-belt qaddisa tagħhom, u min kien jirfes fiha kien jieħu l-piena tal-mewt.

L-isem ta' Bar kokba nstab m'ilux f'ittra miktuba minnu stess u misjuba flimkien ma' manuskritti oħra f'għar ta' Wied Murabbagħat li jibda mil-lvant ta' Betlehem u jispiċċa fil-Baħar il-Mejjet. L-ittra hi din:

"Minn Xmun bin Kosba lil Jexugħa bin Gilgola u lil sħabu: issliem. Insejjaħ is-smewwiet b'xhud kontra tiegħi li, jekk inti ma taqtagħhiex minn mal-Galilin, li int ħlisthom kollha, jien nitfgħek il-ħabs bħalma għamilt lil bin Għafiul.

Xmun bin Kosba,
Prinċep ta' Israel."

Minn din l-ittra naraw li l-isem veru kien Xmun bin (jew bar li jfissru l-istess) Kosba. Kokba hu laqam mogħti lilu meta kien magħruf bħala Messijà, jew 'il-kewkba'. Każba hu taħsira ta' Kosba. Jexugħa kien wieħed mill-fizzjali tal-gwerra. Il-Galilin aktarx li kienu nsara li ma redux jindaħlu fil-gwerra, għax mar-Rumani, poplu pagan, ma setgħux jingħaqdu u mal-Lhud ma setgħux jissieħbu għax ma setgħux jagħarfu lil Bar kokba bħala Messija. Għalhekk aktarx li kienu ħarbu fuq l-iġbla biex ma jindaħlu ma' ħadd. Jexugħa jidher li kien iżomm magħhom. Bar kokba jheddu li jekk jibqa' jgħinhom iħallasha qares.

P. P. SAYDON.

---

## IR-RAĠEL LI XEJN MA JOGĦĠBU

Kien hemm wieħed raġel li kull ma tagħmel il-mara kollox kien jgħidilha li hu ħażin. Jekk meta jiġi jsib id-dar nadifa jgħidilha: "Għal fejn qagħadt taħli daż-żmien kollu? Mela ħsibt li ġejjin il-mistednin?" Jekk ma tnaddafx u toqgħod tħit, jgħidilha: "Issa jekk jagħti ħass ħażin, lilek jew lili, u jiġi t-tabib, b'liema wiċċ nilqgħuh, id-dar maħmuġa donnha maqjel?" Jekk issajjar il-ħut, jgħidilha: "Jiena laħam ridt!" U jekk issajjarlu l-laħam, jgħidilha: "Il-lum biċċa ħuta kelli qalb!"

Darba x'ħin ġie biex jorqod qalilha: "Għax ħallejt it-twieqi magħluqa n-nhar kollu? Ma nistax norqod bis-sħana!" Firxitlu fuq il-bejt, u wara ftit għajtilha u qalilha li ma satax jorqod billi kien hemm id-dawl tal-qamar. U qabat isawwatha. Il-mara bdiet tibki u qaltlu: "Aħfirli, jaħasra, aħfirli! Il-qamar insejt nitfihulek!"

U issa dal-kliem sar qawl. Meta xi ħadd ma jkun jogħġbu xejn, jgħidulu: "Sewwa qiegħed tgħid. Il-qamar insejt nitfihulek!"